MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1359/2003

**Elmo Insurance Agency Ltd, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Allaince Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Heywood u l-istess John Heywood**

**Vs**

**Alfred Farrugia**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm562.86 (hames mija u tnejn u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) bhala risarciment ta' danni minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Din hija istanza fejn is-socjeta' attrici noe. et. qed titlob il-kundanna tal-konvenut ghar-risarciment ta' danni

komplessivi fl-ammont ta’ hames mija tnejn u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm562.86c) [Lm507.36 minn Elmo Insurance Agency Ltd. u Lm55.50 mill-assikurat John Heywood] minnhom sborsati bhal konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li gara l-Blata l-Bajda fit-23 ta’ Jannar 2003, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura GVH 076 habat mal-vettura Nru. EAA 063 propjeta’ ta’ John Heywood u misjuqa minn Nathalie Heywood, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Gunju 2003 u l-imghax legali b’effet mid-data tal-presentata ta’ l-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-
It-talba tas-socjeta’ attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-unika kawza tad-danni allegatament sofferti mill-assikurat taghha John Heywood fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 063 liema vettura dak il-hin ta’ l-incident kienet misjuqa minn Nathalie Heywood.

Huwa ma ghandux ibati l-ispejjez.

Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jirrizulta ampjament sia mix-xhieda taz-zewg sewwieqa, tal-pulizija investigattiv u mill-iskizz esibit lil liema parti ghandha tigi attribuita r-responsabbilta’ ghall-incident. Huwa verament kaz li kollizzjoni bhala dik in ezami ma kellhiex ghallfejn ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja relattiva ghall-imputazzjoni tat-tort.

Il-konvneut billi xeghel l-indicator ippretenda li jista’ jaqsam u/jew jista’ jghaddi minghajr ebda nitfa ta’ prekawzjoni ohra. Aktar u aktar meta hu admissis bil-kobor tat-trakk u bin-nuqqas ta’ mirja adegwati, ma setax jara l-quddiem tieghu. Aktar u aktar f’arterja principali tat-traffiku, fl-aqwa tal-gurnata u ghadda minn fuq ‘solid white

line’ li precizament l-iskop tieghu huwa li jevita kollizzjoni simili. Huwa hareg minn taht mina fil-waqt li l-vettura l-ohra giet minn fuqhu. In-nuqqas ta’ attenzjoni da parti tal-konvenut li jaqbez t-triq jimxi rigorozament mas-sinjali fl-art fit-triq, vizwali tajba u adegwata u qsim minn karregata ghall-ohra li ghandha ai fini differenti minn mkien huwa wisq lampanti fil-konfront tieghu.

Illi t-Tribunal ma jiskonta xejn simili fis-sewqan tax-xufier tal-vettura tal-attur. Il-fatt li minn hrug ta’ stop sign qalbet ghal fuq il-karregata ta’ barra mill-ewwel meta t-traffic lights kienu jippermettulha li din il-manuvra la kkagunat u/jew wisq anqas ikkontribbwiet ghas-sinistru. Anzi jigi rilevat li aggixxiet korrettament li rriferit li tiffirma ‘a tempo vergine’ dikjarazzjoni lil pulizija li qed tassumi ir-responsabbilta’ in vista li l-vettura l-ohra hija proprjeta’ governattiva.

Relattivament ghal quantum tad-danni dan ma giex ikkontestat mill-konvenut. Jigi rilevat pero’ li s-somma kif direvanti. u d-dokument esibiti jammontaw ghal Lm467.36 (erba’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmu) lis-socjeta’ attrici u Lm80.50 (tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) lil attur bhala ‘loss of use’.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoniiet tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrci u jikkundannah ihallas is-somma ta’ Lm467.36 (erba’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmu) lis-socjeta’ attrici u Lm80.50 (tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) b’kollox Lm557.76 (hames mija u sebgha u hamsin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu), bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------